11 ta' Novembru, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Gauci et.** *versus* Angelo Gauci et.

## Kuntratt — Kunsens — Kapaċità tal-Kontraenti — Nullità — Art. 1007 u 1016 tal-Kodiċi Ċivili.

*Wieħed mir-rekwiżiti essenzjali għall-validità ta' kuntratt huwa l-kunsens; u biex il-kunsens ikun jiswa jeħtieġ li min jagħti dak il-kunsens ikollu l-kapaċità li jikkontratti. Għaldaqstant, kuntratt li fih xi wieħed mill-kontraenti ma kellux il-kapaċità li jikkuntratta huwa null.*

*Imma min hu kapaċi jikkuntratta ma jistax jeċċepixxi n-nullità tal-kuntratt minħabba inkapaċità ta' dawk li magħhom huwa jkun ikkuntratta. U dina r-regola tal-liġi hija applikabili mhux biss fil-każ ta' inkapaċità legali, imma anki fil-każ ta' inkapaċità naturali; jiġifieri illi l-projbizzjoni li persuna kapaċi tavvantaġġja ruħha mill-inkapaċità tal-kontraent l-ieħor mhix limitata għall-każ ta' inkapaċità legali, imma tikkomprendi wkoll il-każ ta' inkapaċità naturali.*

*Għaldaqstant, fil-każ ta' kuntratt fejn wieħed mill-kontraenti kien imbeċilli, l-att huwa null fl-interess biss ta' l-inkapaċi; u ma jistax jopponi dik in-nullità l-kontraent l-ieħor li hu kapaċi.*

*Barra minn dan, l-istess projbizzjoni mhix limitata għall-każ li fiħ il-kontraent kapaċi hu konvenut, imma hija operativa anki meta l-kapaċi hu attur; jiġifieri illi l-persuna kapaċi ma tistax tavvantaġġja ruħha miċ-ċirkustanza ta' l-inkapaċità tal-kontraent l-ieħor, sew jekk din il-persuna kapaċi tkun attriċi kemm jekk tkun konvenuta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza tagħha superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, ta' Giuseppe, Andrea, Maria Antonia mart Luigi Buhagiar, Rosa mart Fortunato Pace, Maria armla ta' Francesco Portelli, aħwa Gauci, in-nisa miżżewġin assistiti minn żwieġhom, li biha, previa kull dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jsiru l-provvedimenti li hemm bżonn, esponew li b'att tan-Nutar Francesco Gauci tas-27 ta' Ottubru, 1953 (dok. A) ġew apparentement maqsuma l-beni hemm indikati, li ġew lill-kontendenti mis-suċċessjoni tal-ġenituri tagħhom Carmelo u Marianna ġa konjuġi Gauci, li minnhom Carmelo Gauci miet bla testment fid-19 ta' Ottubru, 1926, u Marianna Gauci mietet fil-21 ta' Ottubru, 1949, b'żewġ testmenti fl-atti ta' l-istess Nutar F. Gauci tas-26 ta' Frar, 1944 u 14 ta' Frar, 1947 (dok. B u C); u illi f'dak l-att daħlu bħala kondividenti u assenjanti Vittorio u Michele Gauci, li allura kienu diġà, u għadhom, mentalment inkapaċi biex jieħdu parti fl-istess att, u għalhekk l-att ma għandux ebda valur legali; u talbu li l-istess att ta' diviżjoni jiġi dikjarat null u ta' ebda effett legali, u okkorrendo annullabili, għar-raġuni fuq imsemmija u raġunijiet oħra li, okkorrendo, jiġu wkoll pruvati. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti proprio et *nomine*, fejn issottomettew li lill-atturi ma tikkompetix l-azzjoni eżerċitata, billi huma kienu jafu li qegħdin jikkuntrattaw ma' persuni inkapaċi (art. 1016 u 228 Kodiċi Ċivili); u li l-kawżali tad-domanda trid tkun espressa, u għalhekk l-espressjoni kontenuta fiċ-ċitazzjoni — "u għal raġunijiet oħra li, okkorrendo, jiġu wkoll pruvati" — mhix suffiċjenti biex tkopri kawżali li ma ġietx espressament dedotta. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-4 ta' Mejju, 1955, li

biha laqgħet it-talba attriċi, b'dan li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet, u d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-atturi; wara li kkunsidrat;

Illi l-partijiet jaqblu, kif jidher mill-verbal meħud fis-seduta tat-30 ta' Marzu, 1955, li l-konvenuti Vittorio u Michele Gauci kienu fil-mument tal-kuntratt in kwistjoni, kif għadhom sal-lum, "insani di mente" — dak li jipprekludihom jagħtu kunsens għal kwalunkwe obligazzjoni;

Illi r-rekwiżiti essenzjali għall-validità tal-kuntratti huma erbgħa, jiġifieri l-kapaċità tal-kontraenti, il-kunsens ta' dak li jobliga ruħu, l-oġġett tal-kuntratt, u kawża leċita (art. 1007 tal-Kodiċi ċitat);

Illi minn dina d-dispożizzjoni jidher evidenti li wieħed jista' jagħti validament il-kunsens bla ma jkun kapaċi jagħmel att determinat; fi kliem ieħor, il-kunsens tal-partijiet u l-kapaċità tagħhom huma, skond il-loġika u l-liġi, żewġ elementi separati u distinti, neċessarji f'kull xorta ta' obligazzjoni;

Illi dina d-distinzjoni timporta dik li fix-xjenza ġuridika tissejjaħ inkapaċità legali u inkapaċità naturali; għaliex, għalkemm naturalment u normalment kull min jista' jippresta l-kunsens tiegħu jista' wkoll jobliga ruħu, il-liġi tiddetta ċerti normi partikulari relativament għall-każ ta' persuni determinati. Infatti l-art. 1008 (1) tal-Kodiċi Ċivili, wara li jiffissa r-regola ġenerali li kull persuna tista' tikkuntratta jekk mill-liġi mhix dikjarata inkapaċi, jgħaddi, fl-inċiż 3, biex jiddikjara min huma dawn il-persuni hekk legalment kunsidrati inkapaċi, u ċjoè l-minuri, l-interdetti jew inabilitati, in-nisa miżżewġa, u ġeneralment dawk kollha li l-liġi timpedihom minn xi kuntratt speċjali, bħal, per eżempju, il-każ tad-donazzjoni tas-settwaġenarju (art. 1838 Kod. Ċiv.), u tal-bejgħ bejn il-konjuġi (art. 1416 ibidem);

Illi in tema ta' inkapaċità naturali u legali għandu jingħad li l-Kodiċi Ċivili Tagħna, l-istess bħal Kodiċi Taljan ta' l-1865, ma jittrattax dwar l-ewwel xorta ta' inkapaċità, u għalhekk jista' wieħed jirripeti f'dan ir-rigward il-kliem tar-Ricci: "Giusta il disposto dell'art. 1105 può contrattare qualunque persona che non è dichiarata incapace dalla legge

(l-istess dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1008 tal-Kodiċi Malti fuq miġjuba). Deriva da questa disposizione che il legislatore patrio non riconosca altra specie di incapacità oltre quella da lui stesso dichiarata? L'art. 1104 (korrispondenti għall-art. 1007 tagħna) pone tra i requisiti essenziali per la validità di un contratto il consenso valido dei contraenti; quindi tutti quelli che non possono consentire debbonsi ritenere incapaci a contrattare. L'incapacità pertanto a contrattare non è legale soltanto, ma naturale eziandio; e se il legislatore patrio non si è occupato di questa ultima, si è perchè la medesima è una conseguenza logica dei supremi principi di ragione e di diritto (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VI, pag. 19-20, para. 13);

Illi l-kelma "nullità" fid-dottrina u fil-ġurisprudenza hija użata f'żewġ sensi, wieħed sens proprju ta' ineżistenza, meta l-kuntratt null ma jkunx jeżisti u qiesu qatt ma sar, u l-ieħor ta' annullabilità, meta kuntratt jew att ieħor jista' jeżisti u jibqa' jseħħ sakemm ma jiġix imħassar jew imwaqqa' ("annullato") għal xi raġuni li ssemmi u trid il-liġi (App. Civ. "Elena Agius v. Giuseppe Ciancio", 3 ta' Frar, 1936, Vol. XXIX, P. I, pag. 458-459). L-att annullabbili jseħħ sakemm ma jiġix revokat mill-Qorti għal xi raġuni kontemplata mill-liġi; iżda l-att null ma eżista qatt, u d-dover u l-funzjoni tal-Qorti mhumiex dawk li twaqqgħu jew tħassru, għaliex, kif qalet l-imsemmija sentenza (p. 460-461), ma tistax toqtol ħaġa mejta, jew li qatt ma twieldet, iżda li tiddikjara li qatt ma eżista;

Illi n-nullità tista' wkoll tkun relativa jew assoluta. In-nullità relativa hija deduċibili mhux minn kulħadd, imma biss mill-kontraent li għall-protezzjoni tiegħu hija sanċita l-istess nullità, u kwindi tiddependi mill-volontà tiegħu u ma ġġibx għan-nullità "di pieno diritto", imma għall-annullabilità. In-nullità assoluta, għall-kuntrarju, tista' tiġi opposta minn kulħadd, għax timporta l-ineżistenza radikali ta' l-att sa mill-bidu nett (P.A. "Ellul vs. Ellul", 7 ta' Frar, 1946, Vol. XXXII-II-204);

Illi, inoltre, huwa prinċipju kostantement akkolt li att relativament null jista' jiġi sanat jew ratifikat mill-inkapaċi, jew mill-eredi u aventi kawża minnu wara mewtu, anki taċitament — dak li mhux applikabbli f'każ ta' nullità assoluta jew radikali. Att radikalment null, ċjoè null "ab initio", ma jistax jiġi sanat; għaliex "quod nullum est ab initio non potest tractu temporis convalescere". U kif jingħad fis-sentenza "Ellul utrinque" fuq ċitata, l-idea ta' vizzju radikali hija akkoppjata għal dik ta' l-insanabilità;

Illi l-premess jinsab żvolt fid-Digesto Italiano (voce Nullità, paġ. 509-510) b'dawn it-termini: E' nullità assoluta *quella che inficia l'atto o l'obbligazione nella sua esistenza*, val quanto dire nella sua parte sostanziale, fulminata dalla legge per ragione di ordine pubblico, piuttosto che nell'interesse privato. E' invece nullità relativa quella che inficia il fatto giuridico nella sua validità di fronte a colui nell'interesse del quale la nullità è comminata. Perciò, mentre la prima rende il fatto giuridico inesistente, la seconda lo rende semplicemente annullabile. Nella prima comanda la legge, nella seconda comanda l'interessato, cui la legge concede la facoltà di avvalersene ...... *La nullità assoluta, o inesistenza*, non avrebbe bisogno di essere dichiarata dal magistrato, perchè non si può annullare il nulla ...... Il fatto giuridico nullo di nullità assoluta, val quanto dire inesistente, non si convalida, nè si ratifica; lo si crea";

Illi, kwindi, in-nullità minħabba vizzju radikali, li ġġib magħha l-ineżistenza ta' l-att, u konsegwentement l-ineffikaċja tiegħu indipendentement mill-volontà tal-partijiet sa mill-oriġini tiegħu, hija nullità "di pieno diritto", a differenza *tan-nullità li ġġib biss l-annullabilità ta' l-att* — kollox kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża deċiża fis-7 ta' Frar, 1946, qabel riferita;

Jeħtieġ, għalhekk, li issa tiġi eżaminata l-kwistjoni b'liema xorta ta' nullità l-att ta' diviżjoni indikat fiċ-ċitazzjoni huwa affett;

Illi, kif intqal, ma hux kontestat li l-konvenuti Vittorio u Michele aħwa Gauci kienu "insani di mente", u għalhekk,

in vista ta' din il-kondizzjoni mentali tagħhom, ma setgħux jagħtu kunsens validu;

Illi hija massima indubitata li l-kuntratti li fihom jonqos xi wieħed mir-rekwiżiti jew elementi essenzjali skond il-liġi huma nulli f'sens assolut; u meta huwa tali, il-kuntratt ma *jiswiex, u ma jeżistix "ipso jure"*;

Illi meta n-nullità tal-kuntratt hija bażata fuq l-inkapaċità ta' persuna, li tkun indebolita fil-fakoltajiet mentali tagħha talment li ma tikkomprendix l-importanza ta' att minnha magħmul — preċiżament bħal fil-każ preżenti — allura wieħed għandu jirravviża f'dawn iċ-ċirkustanzi nullità, u mhux annullabilità, u ineżistenza ta' l-att. U l-Qorti ta' l-Appell, fil-kawża "Falzon vs. Buhagiar" deċiża fit-8 ta' Marzu. 1948, għallmet li, meta l-persuna tkun assolutament inkapaċi, bħal meta jkun miġnun, allura l-att ikun null assolutament, għaliex ikun nieqes minn element importantissimu (*Vol. XXXIII-I-232-233*). Att hekk defiċjenti huwa null "ab initio", ċjoè ineżistenti;

Illi ġie ritenut li fejn hemm inkapaċità mhux naturali, imma legali, l-att ma hux null, iżda annullabbli; u l-Qrati Tagħna dejjem sostnew li fejn hemm inkapaċità naturali hemm ukoll ineżistenza ta' l-att. Infatti, il-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civile, art. 1105, para. 30) irriporta diversi pronunzjati ta' Qrati Taljani f'dan is-sens, fosthom din: "Gli atti compiuti da colui che è affetto da incapacità naturale sono completamente nulli, perchè non hanno mai avuto consistenza giuridica, mentre gli atti compiuti da colui che è dichiarato incapace dalla legge esistono giuridicamente e producono il loro effetto sino a quando non sia pronunziata una sentenza che ne abbia dichiarato la nullità". Din issentenza tafferma l-prinċipju li l-inkapaċità naturali għandha bħala effett l-ineżistenza ta' l-att mill-oriġini minħabba vizzju radikali u nullità "di pieno diritto" — nullità li, għarraġunijiet fuq imogħtija, tista' tiġi akkampata minn kull interessat;

Illi "l'obbligazione contratta da chi siasi dimostrato affetto da incapacità naturale al momento della stipulazione deve ritenersi inesistente" (Fadda, op. ċit., art. 1104, para.

48); u "la nullità di un negozio per vizio essenziale può essere dedotta da tutti gli interessati" (ibid. para. 122). Ta' l-istess opinjoni huwa l-Coen, li jikteb: "L'atto compiuto da chi è privo di ragione, od incapace naturalmente a consentire con cognizione di causa, è inesistente giuridicamente anzi chè nullo" (Vol. IV, p. 376, no. 82). Il-Baudry-Lacantinerie jirribadixxi l-istess konċett f'dawn il-kliem: "La demenza, secondo i principi generali, esclude il consenso; e le convenzioni relative sono inesistenti, o nulle di una nullità radicale, per coloro che non ammettono tale distinzione degli atti inesistenti. Esse non possono quindi venire confermate o ratificate, nè esplicitamente nè tacitamente, e potranno del pari venire impugnate da qualsiasi interessato" (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. V, paġ. 792). U fl-aħħarnett ir-Ricci, fl-opra tiegħu fuq imsemmija, Vol. VI, paġ. 12-13: "Il contratto in cui uno dei contraenti è incapace di consentire è inesistente, perchè ad esso manca uno dei principali suoi elementi, vale a dire il consenso ...... quando il contratto è inesistente, la sua inesistenza può essere dedotta da chiunque vi abbia interesse, ed anche da quella delle parti che ha efficacemente consentito, dappoichè ciò che non esiste non può produrre effetti giuridici chicchessia" (ara wkoll Laurent, Principi di Diritto Civile, Vol. XVI, para. 20);

Illi huwa ovvju li l-imsemmijin Vittorio u Michele aħwa Gauci, kif ukoll il-werrieta jew suċċessuri oħra tagħhom, ma jistgħux bl-ebda mod jirratifikaw il-kuntratt in kwistjoni, u l-uniku rimedju possibbli huwa att ġdid publikat wara debita awtorizzazzjoni tat-tribunal kompetenti. Anki kunsidrat minn dan il-punt di vista, l-att "de quo" għandu jiġi ritenut bħala affett minn nullità radikali, għax diversament l-istess att seta' jkollu ratifika mill-kumparenti inkapaċi;

Illi, stabbilit li l-kuntratt in kwistjoni huwa kolpit minn nullità radikali u minn ineżistenza, hemm bżonn issa jiġi nvestit il-punt jekk it-teoriji dottrinali u ġurisprudenzjali fuq riportati, u speċjalment dik dwar l-opponibilità da parti ta' kwalunkwe persuna interessata, humiex applikabbli għall-liġi

tagħna, minħabba d-dispożizzjoni ta' l-art. 1016 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi dan l-artikolu jgħid espressament: "Il-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw". Is-soluzzjoni ta' dan il-punt hija mpernjata fuq is-sinifikat tal-kelma "inkapaċità", ċjoè jekk din tinkludix jew le kull xorta ta' inkapaċità, tant naturali kemm legali;

Illi huwa loġiku u legali li l-interpreti għandu jżomm, kif tagħmel l-istess liġi, distinzjoni netta tad-diversi elementi rikjesti għall-validità tal-kuntratt. Ġa ġie rilevat illi l-liġi tirrikjedi, oltre rekwiżiti oħra estranei għall-punt in diżamina, il-kapaċità u l-kunsens; u dan neċessarjament ifisser li jista' jirrikorri l-kunsens bla ma l-parti tkun kapaċi;

Illi ta' min josserva li l-art. 1016 fuq ċitat hija l-aħħar dispożizzjoni fost dawk li l-leġislatur introduċa rigward il-kapaċità tal-kontraenti (art. 1008 sa 1015). Eżaminati birreqqa dawn it-tmien artikoli, wieħed isib li huma kollha regoli relativi għall-inkapaċità legali, dik ċjoè tal-minuri, ta' l-interdetti jew inabilitati, u tan-nisa miżżewġa. Permezz ta' dawk id-dispożizzjonijiet il-leġislatur ried jimponi ċerti restrizzjonijiet legali għall-libertà naturali in rispett għall-awtorità maritali, għall-patria potestà, jew għal xi konsiderazzjonijiet oħra; kif ukoll jiffissa xi preżunzjonijiet, bħal fil-każ ta' konvenzjonijiet ordinarji u ġjornaljeri magħmula minn mara miżżewġa. Kieku l-leġislatur ried jirrestrinġi l-opponibilità ta' l-atti nulli indistintament favur l-inkapaċi biss, kien ukoll faċli għalih li jinserixxi l-art. 1016 in eżami f'parti aktar adatta tal-Kodiċi, u mhux immedjatament wara n-normi dwar l-inkapaċità legali;

Illi, inoltre, huwa sintomatiku, kif tabilħaqq qabel rilevat, li fil-liġi xejn ma hemm dwar in-nullità ta' att minħabba li xi ħadd li pparteċipa fih ma kienx seta' jagħti l-kunsens tiegħu validament, ħlief naturalment in-neċessità ta' dan il-kunsens bħala wieħed mill-elementi indispensabili. Dwar il-kunsens il-liġi tipprovdi biss għall-każijiet ta' żball, vjolenza u dolo;

Illi, ġa ladarba d-dispożizzjoni tal-art. 1016 hija lokaliz-

zata fil-Kodiċi wara *l-enunċjazzjoni tad-diversi speċi* ta' inkapaċità legali, u peress li l-istess liġi taħt l-ebda aspett ma tikkontempla l-inkapaċità naturali u n-nullità minnha derivanti, wieħed għandu jikkonkjudi li r-retta interpretazzjoni ta'l-art. 1016 tal-Kodiċi Ċivili hija fis-sens li huwa applikabbli biss għall-każ ta' inkapaċità legali;

Illi din il-Qorti, fil-kawża "Demetrio Scicluna vs. Paolo Scerri et.", deċiża fl-4 ta' Ġunju 1890, irriteniet:— "Nè vale qui il dire, come si fa nella suddetta nota d'eccezioni, in base all'art. 697 della suddetta Ordinanza (il-lum art. 1016 Kap. 23), che nell'ipotesi anche che Carmelo Grech sia una persona incapace, l'attore, persona capace, non può domandare la nullità dei contratti collo stesso incapace seguiti. Tale asserzione sarebbe contraria alle disposizioni di legge; infatti, come si disse più sopra, l'incapacità di una persona priva dell'uso della ragione è una incapacità assoluta, e tale che rende come non fatti ed inesistenti i contratti intestati a nome suo. Sul proposito si stabilisce in diritto che, quantunque le persone capaci di obbligarsi, per regola generale, non possono opporre l'incapacità di colui col quale hanno contrattato, queste stesse persone capaci però possono opporre l'incapacità di colui col quale hanno contrattato quando questi è un infante, un furioso, un mentecatto, e qualunque altro di non sana mente; poichè tutti costoro, non avendo l'uso dell'intelletto, non possono obbligarsi, e neppure acconsentire che altri si obblighino verso di loro";

Similment *irraġunat* il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża "Ciantar vs. Chapelle", maqtugħa fil-31 ta' Jannar 1888 (Vol. XI, p. 508-512):— "Atteso che sulla quistione a chi appartenga l'azione od *eccezione* di nullità è da distinguere, poichè ove la legge lo dice non è più quistione, la quale soltanto può cadere ove ne tace la legge. Primo requisito per la validità dei contratti è la capacità di contrattare. Il contratto seguito fra un capace ed un incapace è nullo, ma nell'interesse del solo incapace, perchè il capace non ne può opporre la nullità (art. 697 Ord. VII/1868). Or questo ammonta ad una specie di privilegio, ossia esenzione dalla legge generale, in grazia dell'età, d'interdizione e inabilitazione, lo stato di

donna maritata, e generalmente di tutti coloro ai quali la legge vieta determinati contratti, poichè la regola di diritto comune è che un contratto nullo non debba ottenere alcun effetto; salve sempre eccezioni di legge'';

Illi, oltre l-konsiderazzjonijiet premessi, il-lokuzzjoni ta' l-art. 1016 Kap. 23 tipprevedi l-każ ta' meta l-persuna kapaċi tkun konvenuta biex teżegwixxi xi obligu assunt f'att magħmul ma inkapaċi. Tant jimporta l-vokabolu "jeċċepixxi''. Liema kelma telimina assolutament l-idea ta' pożizzjoni ta' attur fil-persuna kapaċi. Għall-istess konklużjoni jwassal it-test Ingliż, li jadopera l-kliem "may not set up'';

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, l-atturi għandhom dritt jitolbu n-nullità, jew aħjar id-dikjarazzjoni tan-nullità tad-diviżjoni magħmula bis-saħħa tal-kuntratt publikat minn Nutar Francesco Gauci fis-27 ta' Ottubru 1953; u per konsegwenza l-eċċezzjoni relativa tal-konvenuti ma tistax tiġi akkolta;

Illi, ġa ladarba l-istess nullità tista' tiġi mitluba fuq il-kawżali tal-infermità tal-moħħ ta' Vittorio u Michele aħwa Gauci, infermità li l-eżistenza tagħha mhijiex kontestata, anzi ammessa mill-istess konvenuti, huwa inutili li tiġi wkoll riżoluta l-eċċezzjoni l-oħra dwar l-insuffiċjenza tal-kawżali l-oħra dedotta bl-espressjoni "u għal raġunijiet oħra li, okkorrendo, jiġu wkoll pruvati'';

Illi bl-imsemmi verbal tat-30 ta' Marzu 1955 l-atturi ddikjaraw li huma kienu jafu bl-istat mentali tal-imsemmija Vittorio u Michele Gauci, u għalhekk, in vista tan-novità tal-kwistjoni nvoluta, hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Rat fil-fol. 39 il-petizzjoni tal-konvenuti proprio et nomine, li biha appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata u li d-domanda tiġi miċħuda; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti ta' l-ewwel istanza rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-konvenuti proprio et nomine, bażata fuq l-art. 1016 tal-Kap.

23 Ediz. Riv., għal żewġ raġunijiet, ċjoè għaliex (1) irriteniet li l-imsemmi artikolu tal-liġi japplika biss għall-każ ta' inkapaċità legali, u mhux anki għall-każ, bħal dak preżenti, ta' inkapaċità naturali (każ ta' imbeċillità bla ma kien hemm interdizzjoni), u (2) irriteniet ukoll, in vija sekondarja, illi l-imsemmi artikolu hu applikabbli biss għall-każ li fih il-persuna kapaċi tkun konvenuta, u mhux għall-każ li fih tkun attriċi, bħal fil-każ preżenti;

Għalhekk il-kwistjoni kollha hija mpernjata fuq l-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu;

Kwantu għall-ewwel konklużjoni tal-Qorti ta' l-Ewwel Grad. ir-raġunament li fuqu dik il-konklużjoni kienet bażata hu dan—Id-dispożizzjoni in kwistjoni hija l-aħħar dispożizzjoni fis-sekwenza ta' dawk li l-leġislatur iddetta dwar u taħt it-Titolu ta' "Kapaċità tal-Partijiet li Jikkuntrattaw" — Dawk id-dispożizzonijiet taħt dik l-intestatura, li jiġu qabel l-art. 1016, jirriferxxu kollha (qalet l-Ewwel Qorti) għall-inkapaċità legali — Għalhekk, ikkonkludiet, meta l-istess leġislatur qal fl-artikolu 1016, li l-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw, billfors kien qiegħed jirriferixxi biss għall-inkapaċità legali, u mhux għal dik naturali;

Issa, dan ir-raġunament ta' l-Ewwel Qorti kien ikun sewwa kieku kienet sewwa l-premessa tiegħu, li ċjoè fid-dispożizzjonijiet ta' qabel l-art. 1016, taħt l-intestatura tal-"Kapaċità", ma kienx hemm ħlief it-tismija ta' l-inkapaċitajiet legali. Iżda mhux hekk; għaliex taħt dik *l-intestatura*, u *preċiżament* fl-art. 1009, il-liġi tgħid li kuntratt magħmul minn persuna li ma għandhiex l-użu tar-raġuni huwa null. Dan hu preċiżament il-każ tal-fattispeċje, ċjoè il-każ ta' inkapaċità naturali, fejn hemm, "ex admissis", imbeċillità, bla ma hemm l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni. Bil-kliem "li ma għandhiex l-użu tar-raġuni", il-liġi ma kienetx qegħdha tikkontempla l-inkapaċità legali ta' l-interdizzjoni jew inabilitazzjoni, għax dawn huma kontemplati fl-artikolu 1008, immedjatament qabel. *Lanqas kienet qegħdha tikkontempla l-każ ta' l-impediment* ta' l-età, għax dan hu minnha kontemplat fl-istess

art. 1009, u fl-art. 1010, 1011 u 1012. B'dawk il-kliem hu kontemplat il-każ ta' difett fil-fakoltajiet mentali, bla ma jkun hemm l-aġġunta ta' l-inkapaċità legali (interdizzjoni jew inabilitazzjoni);

Difatti, il-Pothier, f'din il-materja, wara li jgħid "ne segue che, per essere capace di contrattare, bisogna essere capace di consentire ed avere l'uso della ragione", ikompli jgħid: "Quindi è evidente che la persone non adulte, gli insensati, i pazzi finchè dura la loro follia, sono incapaci per loro stessi di consentire ......"; u jikkomprendi l-każijiet ta' "ebbrietà ...... quando arriva sino al punto di far perdere l'uso della ragione" (Pothier, Tratt. Tomo I, Obbligaz. no. 49, paġ. 71);

Minn dan jiġi li mhux korrett dak li rrilevat l-Ewwel Qorti, bħala bażi ta' l-argument tagħha, li fid-dispożizzjonijiet ta' qabel l-art. 1016, taħt l-intestatura tal-"Kapaċità", hemm biss il-każijiet ta' inkapaċità legali, u li kwindi l-art. 1016 kien jirriferixxi biss għal dawk il-każijiet. Hu sewwa, inveċi, li wieħed jgħid li fl-art. 1009 il-liġi rriferiet għall-każ ta' inkapaċità naturali (nuqqas ta' użu tar-raġuni), u li hu kwindi loġiku li wieħed jgħid li l-art. 1016 qiegħed jirriferixxi anki għal dak il-każ, li hu l-każ preżenti;

Il-konferma ta' dak li ġie sa issa rrilevat minn din il-Qorti wieħed isibha fl-istudju ta' leġislazzjonijiet oħra. Infatti, dan l-istudju juri li, mentri leġislaturi oħra riedu jillimitaw id-dispożizzjoni tagħhom, li hi simili għall-art. 1016 tagħna, għall-każijiet ta' inkapaċità legali, il-leġislatur malti ried jiddipartixxi minn dan is-sistema u jikkomprendi anki l-każ ta' inkapaċità naturali. Infatti, għalkemm ebda annotazzjoni li tirriferixxi speċifikatament għal dan l-artikolu 1016, allura 679, ma hemm fost l-annotazzjonijiet ta' Sir Adrian Dingli, però, mill-annotazzjonijiet l-oħra dwar l-artikoli l-oħra taħt din l-intestatura tal-"Kapaċità" jidher ċar li hu kien qiegħed jimxi mhux fuq il-liġijiet kontinentali, iżda fuq diversi awturi;

Kif ingħad, huwa utili li wieħed jara x'hemm fil-liġijiet l-oħra, biex minn dan il-paragun toħroġ il-konferma ta' l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti ta' l-art. 1016 fis-sens li dan jikkomprendi anki l-każijiet ta' inkapaċità naturali;

Kwantu għall-Kodiċi Taljan, dan, taħt it-Titolu tal-"Capacità delle parti contraenti", ma jikkontjenix ħlief tliet dispożizzjonijiet, dik ta' l-art. 1105, li tgħid "qualunque persona può contrattare se non è dichiarata incapace dalla legge", dik ta' l-art. 1106, li tenumera l-inkapaċitajiet legali, u dik ta' l-art. 1107, li, għad-differenza ta' l-art. 1016 tagħna, li jirriferixxi għall-inkapaċità bi kliem ġenerali, jgħid "la persona capace di obbligarsi non può opporre l'incapacità del minore, dell'interdetto, dell'inabilitato, o della donna maritata, colla quale ha contrattato";

Kwantu għall-Kodiċi Franċiż, taħt l-intestatura tal-Kapaċità tal-Kontraenti, l-istess jikkontjeni biss tliet dispożizzjonijiet. Fl-ewwel waħda, art. 1123, jgħid li kwalunkwe persuna tista' tikkuntratta jekk ma hix dikjarata inkapaċi millliġi; fit-tieni, art. 1124, hemm l-enumerazzjoni ta' l-inkapaċitajiet legali; u fit-tielet, u l-aħħar wieħed, hemm li l-persuni kapaċi li jobligaw ruħhom ma jistgħux jopponu l-inkapaċità tal-minuri, ta' l-interdett, jew tal-mara miżżewġa, li magħhom ikunu kkuntrattaw;

L-istess ħaġa, bħal kodiċijiet fuq imsemmija, hemm, jew kien hemm, fil-Codice del Regno delle Due Sicilie (art. 1077-1078-1079); l-istess fil-Codice Parmense (art. 1081); u fil-Codice Sardo (1215) rissemma, mhux l-inkapaċità ġenerali, imma jingħad dejjem "le persone capaci di obbligarsi non possono opporre l'incapacità del minore, dell'interdetto, della donna maritata, o del figlio di famiglia, con cui essi hanno contrattato";

Issa, kif ingħad, il-leġislatur malti ma segwiex dan issistema. Hu ma llimitax ruħu għat-tismija ta' l-inċapaċitajiet legali li hemm fl-art. 1008, imma, għad-differenza tal-kodiċijiet l-oħra, semma anki, fl-art. 1009, il-każijiet ta' inkapaċità naturali, fosthom il-każ ta' dawk li ma għandhomx l-użu tar-raġuni; liema każ jikkomprendi evidentement l-imbeċilli;

Kien għalhekk, infatti — u din hi l-aqwa konferma — li meta fl-aħħar ta' dik l-intestatura ġie biex jivverga l-artikolu simili għal dawk tal-kodiċijiet l-oħra, ma semmiex affattu speċifikatament il-każ ta' l-inkapaċitajiet legali tal-minuri, tal-

l-interdetti, ta' l-inabilitati u tan-nisa miżżewġa, kif għamlu l-kodiċijiet l-oħra, li fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ma kienux semmew l-inkapaċità naturali, imma uża lokuzzjoni *ġenerali*, komprensiva ta' kull inkapaċità, sew legali kemm naturali; u qal hekk: "Il-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' *dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw*";

Għalhekk, hi x'inhi l-pożizzjoni ġuridika taħt kodiċijiet oħra, hu ċert li taħt il-Kodiċi Tagħna l-projbizzjoni li persuna kapaċi tavvantaġġja ruħha mill-inkapaċità tal-kontraent l-ieħor mhix limitata għall-każ ta' inkapaċità legali, imma tikkomprendi wkoll il-każ ta' inkapaċità naturali;

Għalhekk, *f'każ simili, ta' kontraent* imbeċilli, l-att hu null, imma biss fl-interess ta' l-inkapaċi; għax il-kapaċi ma jistax jopponi dik in-nullità. U kien għal dan l-aspett li l-kjożaturi antiki kienu jgħidu li kuntratt simili "claudicabat", u li "quando actus nullus est favore alicujus intelligitur si ipse velit esse nullus";

Kwantu għat-tieni raġuni, li għaliha l-Ewwel Qorti rrespinġiet l-eċċezzjoni tal-konvenuti *appellanti, ma jidherx* li din għandha konsistenza. Ma jidherx loġiku li l-projbizzjoni tiġi limitata għall-każ li fiħ il-kapaċi hu konvenut u li mhix operativa fil-każ li l-kapaċi jkun attur. Infatti, hi regola ta' l-interpretazzjoni li "semper ea est arcenda interpretatio qua lex omni ratione destituatur". Issa, kieku kienet sewwa l-interpretazzjoni ta' l-Ewwel Qorti, kien jista' jiġri dan. Persuna *inkapaċi tazzjona* persuna kapaċi in bażi għall-kuntratt; il-persuna kapaċi, konvenuta, ma tistax topponi n-nullità, imma tista' tevadi l-projbizzjoni billi tagħmel azzjoni hi stess fejn titlob id-deklaratorja tan-nullità tal-kuntratt, u b'hekk tiffrustra l-istess azzjoni tal-persuna *inkapaċi*. Kieku dak li ma tistax tagħmel b'eċċezzjoni tista' tagħmlu b'azzjoni, id-dispożizzjoni ta' l-art. 1016 issir irriżorja u futili;

Għalhekk is-sens tal-kliem tal-liġi hu li l-persuna kapaċi ma tistax tavvantaġġja ruħha miċ-ċirkustanzi ta' l-inkapaċità tal-kontraent l-ieħor, sew jekk din il-persuna kapaċi tkun attriċi kemm konvenuta;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi, prevju l-akkoljiment ta' l-eċċezzjoni tal-konvenuti proprio et nomine, tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija, u tiċħad it-talba attriċi;

Stante n-novità tal-kwistjoni, l-ispejjeż tal-prima istanza u ta' din l-istanza jibqgħu bla taxxa; id-dritt tar-Reġistru għak-kariku ta' l-atturi.